Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2010

Numru 749/2009

Il-Pulizija
(Spettur Melvyn Camilleri)

vs

Isaac Scerri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta' karta ta' identità numru 85191M, akkuzat talli f'Malta kiseb u kellu fil-pussess tieghu xi ritratti, filmati, video recording jew xbieha eletronika indicenti ta' persuna ta' taht l-eta';

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzat hu mixli taht l-Artikolu 208A(1B) li jipprovdi li "kull persuna li tikseb jew ikollha fil-pussess taghha xi ritratt, filmat, 'video recording', jew xhieda elettronika indecenti ta' persuna ta' taht l-eta', tista', meta tinsab hatja, tehel prigunerija ghal zmien sentejn".

L-akkuzat irregistra ammissjoni volontarja u inkondizjonata kif jirrizulta wkoll mill-istqarrija tieghu.

Issibu hati u wara li rat il-fuq citat Artikolu tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti fehmet lill-akkuzat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------